MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Appell Kriminali Numru. 375/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

***... omissis …***
**Donovan Paul Tamo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Donovan Paul Tamo talli (flimkien ma' Roger Ganketcha):

(1) nhar-it 13 ta' Awissu tas-sena 2010 u fil-granet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, assocjaw ruhhom flimkien bil-ghan li jaghmlu delitt ta' serq, li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija bi ksur ta' l-Artikolu 48A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) nhar-it 13 ta’ Awissu tas-sena 2010 ghall-habta ta’ 12.00 fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta’ flus ta’ ammont li jeccedi l-valur ta’ elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) minn vettura bin-numru ta’ registrazzjoni LIL-119, liema serq huwa aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa gahd-detriment ta’ Michael Mercieca detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 152693(M);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Awissu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat l- artikoli 261(c)(g), 267, 271(g), 279 (b) u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghal prigunerija ghall-perijodu ta’ sittax-il xahar (16);

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ Donovan Paul Tamo (flimkien ma’ Roger Ganketcha) ipprezentat fil-25 ta’ Awissu 2010 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermha in kwantu din sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu izda tirrevokaha in kwantu din ikkundannatu ghal sittax-il xahar prigunerija effettivi u dan billi tikkundah ghal piena li tkun aktar favorevoli ghall-istess appellant, izda fl- istess hin idonea fic-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tat-13 ta’ Ottubru 2010 fejn Dottor Leslie Cuschieri ghall-appellant Tamo u ghall-ko-imputat (ukoll appellant) Ganketcha ndika l-ammonti dovuti minnhom rispettivament;

Rat id-digriet tat-13 ta’ Ottubru 2010 li permezz tieghu, fuq talba tal-prosekuzzjoni, gie separat il-gudizzju;

Rat illi fis-seduta tallum Dottor Leslie Cuschieri ghadda lid-deputat registratur is-somma ta’ €3,625 dovuta minn Donovan Paul Tamo sabiex din tithallas lill-*parte civile*;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell kien jirrigwarda il-piena. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti kienet qalet li “wara li kkonstatat li l-imputati hu impossibbli ghalihom li jaghmlu tajjeb ghal-hsara kkagunata lill-*parte civile* tal-azzjoni taghhom tqis li piena effettiva hi indikata”. Evidentement l-ewwel Qorti kienet tikkunsidra sentenza sospiza ta’ prigunerija li kieku l-*parte civile* gie kkumpensat. F’dan l-istadju ta’ l-appell, fis-seduta tad-29 ta’ Settembru 2010, il-prosekuzzjoni ddikjarat illi sakemm ikun hemm il-pagament lill-*parte civile* m’ghandhiex oggezzjoni li l-Qorti tikkunsidra li taghti sentenza sospiza ta’ prigunerija.

F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk u stante li llum l-appellant Donovan Paul Tamo ghamel il-pagament shih minnu dovut, hemm lok li l-piena tigi varjata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata in kwantu tirrigwarda l-appellant Donovan Paul Tamo, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal prigunerija effettiva ta’ sittax-il xahar u minflok tikkundannah ghal sittax-il xahar prigunerija, liema sentenza m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ snin millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija, u tikkonfermaha fil-kumplament. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car, u bl-assistenza ta’ l-interpretu Dr. Anthony Licari, ir-responsabbilita` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Inoltre tattira l-attenzjoni tar-Registratur ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------